# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn**
**Tlieta (3) ta’ Ġunju 2024**

**Rikors Numru 528/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Charles Seychell**

**vs**

**L-Avukat ta’ l-Istat**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 6 ta’ Ottubru 2022, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab is-segwenti:

    1. *Illi fil-wieħed u għoxrin (21) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) saret tfittxija mill-Pulizija ġo container bin-numru TR854, propjetà tal-kumpanija Fahrenheit fejn irriżulta illi ġewwa kumpressur t’air conditioner tal-marka ‘Confe’ kien hemm moħbi pakkett imdawwar b’tape ta’ kulur iswed. Illi meta dan l-istess pakkett infetaħ irriżulta illi kien jikkontjeni sustanza illeċita allegatament droga eroina f’piż ta’ kważi disa’ mitt gramma. Illi skont l-investigazzjonijiet tal-Pulizija, kien l-esponenti li flimkien ma’ persuna oħra allegatament fassal pjan sabiex din is-sustanza tkun importata f’Malta;*

    2. *Illi qabel it-teħid tal-istqarrija, il-Pulizija għarrfet lill-esponenti li huwa kellu d-dritt jikkonsulta ma’ avukat tal-fiduċja tiegħu iżda l-esponenti ma ingħatax l-opportunita’ illi jkollu l-avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti għal tali stqarrija stante illi l-liġi viġenti dak iż-żmien ma kinitx tippermetti dan. Illi wara li ġiet meħuda din l-istqarrija mill-Ispettur Jesmond J Borg, din ġiet ikkonfermata bil-ġurament mill-esponenti (a fol. 296 tal-atti proċesswali kriminali). Illi*

*nhar it-23 ta' Ġunju 2010 huwa tressaq b'arrest akkużat talli fil-21 ta' Ġunju tas-sena 2010 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-gżejjer sabiex ibigħ jew jittraffika f'dawn il-gżejjer mediċina (eroina) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoċjazzjoni. Huwa ċaħad l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu;*

***<u>Illi l-esponenti qiegħed iressaq is-segwenti lanjanzi kostituzzjonali:</u>***

1. *<u>Dritt tal-Assistenza Legali matul l-interrogazzjoni tiegħu</u>*
2. *<u>Ċertezza Legali</u>*
3. *<u>Rule of Disclosure</u>*

***<u>Id-Dritt tal-Assistenza Legali matul l-interrogazzjoni tiegħu</u>***

*Illi jiġi rilevat illi l-proċeduri kriminali ġew msejsa prinċiparjament fuq l-istqarrija illi l-esponenti rrilaxxa datata 22 ta' Ġunju tas-sena 2010, liema stqarrija ingħatat mill-esponenti mingħajr ma ngħatalu d-dritt illi jkollu l-avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt tali stqarrija peress illi l-liġi f'dak iż-żmien ma kinetx tippermetti dan. Illi, fl-umli fehma tal-esponent, dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tal-esponent għal smiegħ xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*Dan id-dritt għall-assistenza legali fi proċeduri kriminali huwa rikonoxxut u protett fil-maggior parti tal-pajjiżi fil-komunita internazzjonali u huwa sanċit f'kull strument internazzjonali ta' drittijiet umani, inter alia, l-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Umani, il-Konvenzjoni Inter-Amerikana għad-Drittijiet Umani, il-Konvenzjoni Afrikana għad-Drittijiet Umani u tal-Popli u l-Konvenzjoni Internazzjonali tad-Drittijiet Ċivili u Politiċi, fejn id-dritt tal-assistenza legali huwa meqjus bħala element essenzjali tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

*Jiġi rilevat illi l-Artikolu 1 tal-United Nations Resolution on Basic Principles on the Role of Lawyers jgħid, 'all persons are entitled to receive legal assistance of a lawyer of their choice in order to protect and establish their rights and to defend them in all stages of criminal proceedings' u l-Artikolu 6 (3) (c) tal-Konvenzjoni jgħid illi:*

> *Everyone charged with a criminal offence has the following minimum rights:*
>
> *to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal assistance, to be given it free when the interests of justice so require.*

*Illi f'dan l-isfond issir referenza għall-kawża fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Claire Farrugia*** *(Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera) deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn intqal illi:*

> *Filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' dawn il-kunsiderazzjonijiet, dak li għandha quddiemha din il-Qorti permezz tal-appell preżentat mill-appellanta jirrigwarda l-inammissibilta' tal-istqarrijiet peress li ttieħdu mingħajr ma l-appellanta kellha d-dritt li jkollha preżenti l-avukat magħha u dan skont l-appellanta jikkostitwixxi leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha senjatament id-drittijiet tal-appellanta għal smiegħ xieraq kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*
>
> *Għalhekk jirriżulta li dan l-ewwel aggravju m'huwiex imsejjes fuq dak li l-Qorti ddeċediet u fuq dak sottomess quddiem l-Ewwel Qorti iżda l-ewwel l-aggravju fl-appell jirrigwarda l-fatt li fiż-żmien meta ttieħdu ż-żewġ stqarrijiet, il-liġi ma kinitx tipprovdi għad-dritt li persuna tkun assistita waqt l-għoti tal-istqarrija. In linea tal-iżvilupp ġurisprudenzjali tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tat-trasposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/EU fil-liġi Maltija, kull persuna għandha dritt li tkun assistita mill-bidu nett tal-investigazzjonijiet u għalhekk anke waqt l-għoti tal-istqarrija. Il-leġislazzjoni sussidjarja 9.24 tipprovdi għal Regolamenti dwar il-proċedura waqt l-interrogazzjoni ta' persuni suspettati u persuni akkużati bl-Avviż Legali 102 tal-2017.*
>
> *Jirriżulta li l-appellanta kienet hi stess li rrifjutat id-dritt li tikkonsulta ma' Avukat qabel l-għoti tal-istqarrijiet kif anke jirriżulta mit-twissija li tidher a fol 28 li taqra:*
>
> *'Twissija mogħtija mill-Ispettur Spiridione Zammit fil-presenza ta' WP167 J. Grech li m'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista' jinġieb bi prova, wara li gejt mogħti d-dritt li stajt tikkonsulta jew tiġi assisti mill-Avukat jew prokuratur Legal tal-fiduċja tiegħek u int għażilt li ma tixtieqx tikkonsulta jew tiġi assistit.'*
>
> *Il-kliem użati f'dik it-twissija hija 'int għażilt li ma tixtieqx tikkonsulta jew tiġi assistit', ma jirriżultax jekk il-kliem 'tiġi assistit' jirreferix għal qabel l-istqarrija jew matul. Madankollu tenut kont tal-fatt li l-liġi fiż-żmien li l-appellanta għamlet iż-żewġ stqarrijiet ma kinitx tipprovdi d-dritt li tkun assistita waqt it-teħid tal-istqarrija jikkonferma li l-kliem 'tiġi assistit' f'dik it-twissija qiegħed jirreferi għal qabel l-għoti tal-istqarrija. Din il-Qorti tikkunsidra wkoll li l-fatt li l-appellanta irrifjutat id-dritt li tikkonsulta ma Avukat qabel l-istqarrija kif kellha kull dritt li tagħmel, ma jfissirx li hi kienet ser tirrifjuta li tkun assistita matul l-interrogazzjonijiet li kieku kellha d-dritt. Għalhekk din il-Qorti, kuntrarjament għal dak li stqarr l-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu ma tistax tintepreta' r-rinunzja tal-appellanta milli tikkonsulta ma' Avukat qabel it-teħid tal-istqarrija bħala rinunzja taċita għad-dritt li jkun*

*hemm preżenza ta' Avukat waqt it-teħid tal-istqarrijiet u dan stante li fiż-żmien tat-teħid tal-istqarrijiet, il-liġi ma kinitx tipprovdi għal dan id-dritt u għalhekk l-appellanta ma kellha l-ebda għażla x'tagħmel rigwardanti l-preżenza o meno ta' Avukat waqt l-interrogatorju.*

*Tenut kont ta' dan, din il-Qorti sabiex ma jiġux leżi d-drittijiet tal-appellanta sejra tiskarta ż-żewġ stqarrijiet magħmula mill-appellanta u tiddikjarahom inammissibli.*

*F'każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Settembru 2019, fl-ismijiet* ***Graziella Attard vs Avukat Ġenerali****, f'liema każ il-posizzjoni legali fit-teħid ta' stqarrija kienet dik adoperata qabel l-10 ta' Frar 2010 u għalhekk qabel ġie fis-seħħ id-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, wara li rreferiet ukoll għall-każ ta' Beuze v. Belgium, l-istess Qorti kkonkludiet illi:*

*"10. Madanakollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħallhiex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali, illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehemha fir-reat." [enfasi ta' din il-Qorti]*

*…*

*"18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal-integrità tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix l-proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.*

*19. Il-qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali …".*

*Illi l-esponenti jagħmel referenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Carmel Polidano, Michael Mercieca, Omissis,*** *fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali wara li għamlet rassenja tal-ġurisprudenza kemm lokali u kemm internazzjonali saħqet illi:*

*"Fil-każ ta' llum ma jista' jkun hemm ebda dell ta' dubju li l-attur kien ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu, kif wara kollox għarfet l-ewwel qorti stess. L-ewwel qorti għarfet ukoll illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali waslu għall-konklużjoni tal-ħtija tal-attur bis-saħħa ta' xiehda oħra barra l-istqarrija tiegħu. Meqjus il-proċess kriminali fl-intier tiegħu, ma jistax jingħad illi l-attur ma ngħatax smigħ xieraq: kellu għarfien tal-provi kollha mressqa kontrieh u ma ntweriex li nżamm mistur xi tagħrif li kellha l-pulizija; kellu għajnuna ta' avukat waqt il-proċess quddiem il-qorti; kellu fakoltà jressaq xhieda u jagħmel konto-eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni; instab ħati bis-saħħa ta' xiehda oġġettiva li, ukoll jekk ma tqisx l-ammissjoni tiegħu, rabtitu mal-inċident u ma setgħetx tħalli dubju dwar il-ħtija tiegħu."*

*…*

*"Din il-Qorti temfasizza li d-dritt li suspettat ikollu Avukat preżenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni mhijiex limitata għal persuni kkunsidrati vulnerabbli. Anke persuni li kellhom diversi kundanni preċedenti kontra tagħhom u li għalhekk huma intiżi fil-mod ta' kif jittieħdu l-interogazzjonijiet kif ukoll persuni li l-Avukat Ġenerali jirreferi għalihom bħala b'esperjenza f'varji oqsma tan-negozju ukoll għandhom dritt li jkollhom Avukat preżenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni. Il-liġi ma tiddistingwix bejn persuna u oħra. Huwa d-dritt ta' kull persuna li jkun assistit minn Avukat anke matul l-interrogazzjoni. Mhuwiex kontestat li fiż-żmien li ttieħdu l-istqarrijiet kif ukoll ix-xhieda ta' uħud mill-akkużati quddiem l-espert Vincent E. Ciliberti fl-istadju tal-inkjesta, l-liġi ma kinitx tagħti jedd lil suspettati biex ikollhom Avukat preżenti waqt it-teħid tal-istqarrija. Biss pero' issa li l-liġi tipprovdi għal dan id-dritt, huwa rikonoxxut u aċċettat li d-dritt għal smigħ xieraq għandu jigi rispettat minn stadju bikri tal-investigazzjoni.*

*Din il-Qorti filwaqt li tirrikonoxxi li kien hemm żvilupp sinifikattiv f'dawn l-aħħar xhur, fejn il-Qrati qegħdin iħarsu lejn il-proċeduri fit-totalita' tagħhom sabiex jiġi deċiż jekk kienx hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, din il-Qorti tissottolinea li bl-ebda mod ma hemm uniformita' fil-kunsiderazzjonijiet u deċiżjonijiet tal-Qrati dwar jekk stqarrijiet u dikjarazzjonijiet meħuda matul l-investigazzjoni mingħajr id- dritt tal-preżenza tal-Avukat jilledux id-dritt għal smigħ xieraq. Din il-Qorti ma għandha l-ebda kompetenza biex tideċiedi dwar leżjoni o meno ta' dritt fundamentali iżda trid tiddeċiedi biss jekk għandhiex tieħu in konjizzjoni stqarrijiet u dikjarazzjonijiet oħra fl-istadju tal-investigazzjoni mingħajr id-dritt li suspettati jkunu assistiti minn Avukat. Din il-Qorti għalhekk tqis li gialadarba qegħdin fi stadju ta' reviżjoni, filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li seħħ xi ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, tiddeċiedi li sabiex ma jkunx hemm ir-riskju ta' xi ksur, kwalunkwe dikjarazzjoni, stqarrija jew xhieda mogħtija mill-imputati Carmel Polidano, Michael Mercieca u Muhammad Saleem fl-istadju tal-investigazzjoni u l-inkjesta mingħajr il-preżenza tal-Avukat bħala inammissibli."*

*Illi ssir referenza għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 t'April 2022 fil-kawża fl-ismijiet* **Christopher Bartolo vs. Avukat tal-Istat** *(Rikors numru 255/20/3 TA) fejn il-Qorti għamlitha ċara illi jekk kemm-il darba ikun hemm provi oħrajn li fuqhom il-Qorti tista' tistrieħ allura l-analiżi għandha ssir fuq is-saħħa tal-provi l-oħrajn b'dana illi jiġu sfilzati stqarrijiet inkriminatorji.*

> *28. Illi kif qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2018, huwa ċar li l-istqarrijiet li ta l-appellat lill-Pulizija se jkollhom u kellhom impatt fil-proċeduri kriminali u l-eżitu tagħhom. Mela dak li jgħodd għall-imsemmija stqarrijiet u l-użu li seta' jsir minnhom f'dawk il-proċeduri, issa, bis-saħħa ta' dak li qiegħed ikun deċiż f'din is-sentenza, jgħodd ukoll għall-istqarrija maħlufa mill-appellat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Ukoll jekk l-imsemmi mpatt ma jolqotx l-ammissjonijiet li huwa għamel u tenna fuq medda ta' żmien matul il-proċeduri msemmija sa ma nħareġ l-Att tal-Akkuża (bit-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 392B(1) u (4) tal-Kodiċi Kriminali), il-fatt li seta' jsir użu mill-istqarrija maħlufa kien jaf joħloq ħsara lill-appellat. Kemm hu hekk, joħroġ ċar minn qari mqar ħafif tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fis-27 ta' April, 2017, li ħafna mill-kunsiderazzjonijiet magħmulin minn dik il-Qorti hija u tkejjel il-piena li kellha tagħti lill-appellat akkużat, kienu jsemmu l-imsemmija stqarrijiet u dak li jingħad fihom;*
>
> *29. Illi għalhekk din il-Qorti tqis li, ladarba b'din is-sentenza se tagħti r-rimedju li lanqas ma jmissu jsir użu aktar tal-istqarrija maħlufa mir-rikorrent appellat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, hekk ukoll għandha tagħti rimedju għat-tħassir tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali safejn jirrigwardaw il-kunsiderazzjonijiet li saru fiha dwar dak li l-akkużat stqarr qabel ma irreġistra għal aktar minn darba l-ammissjoni tiegħu għall-akkużi mressqa. Ladarba ngħad li hemm provi oħrajn li fuqhom il-Qorti Kriminali tista' tikkalibra l-piena li għandha tingħata lill-appellat, ikun xieraq u konformi ma' dak deċiż minn din il-Qorti (kemm fis-sentenza talewwel kawża kostituzzjonali u kif ukoll f'din) li dak il-kejl isir fuq is-saħħa tal-provi l-oħrajn imsemmija, bla ma b'hekk jittiefes il-jedd tal-appellat għal smigħ xieraq minħabba l-istqarrijiet li huwa ta;*

*Illi l-esponenti jirreleva illi riċentament il-Qorti Kostituzzjonali f'sentenzi separati u cioe'* **Morgan Onuorah vs Avukat Ġenerali** *u* **Clive Dimech vs Avukat Ġenerali** *ddikjarat illi l-istqarrijiet rilaxxati mill-akkużati m'għandux isir użu minnhom waqt il-proċeduri kriminali stante li kienu ngħataw mingħajr mal-akkużati kellhom l-avukat tal-fiduċja tagħhom preżenti.*

*Illi l-Qorti fil-kawża* **Morgan Onuorah vs. Avukat Ġenerali** *(Rik Kost 176/2019) wara li għamlet referenza għall-insenjament mogħtija minnha stess fis-sentenzi tagħha fl-ismijiet* **Stephen Pirotta vs. Avukat Ġenerali** *u* **Graziella Attard vs. Avukat Ġenerali** *għaddiet sabiex għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:*

> *"22. F'dik is-sentenza l-Qorti kkonkludiet li għar-raġunijiet li jissemmew fiha, fosthom dak li ntqal f'paragrafu 10, ma jkunx "..... għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali, .........". Raġunament li din il-Qorti diġa` addottat f'sentenzi preċedenti, bħal Christopher Bartolo v. Avukat Ġenerali et tal-5 ta' Ottubru 2018 u Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella tal-14 ta' Diċembru 2018.*
>
> *23. Rilevanti wkoll li fejn isir ġuri, kif ser isir f'dan il-każ, huma l-ġurati li jagħmlu l-apprezzament tal-provi u l-verdett ma jkunx fih motivazzjoni. Għalhekk jeżisti l-periklu ċar li l-ġurati jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq dik il-prova.*
>
> *[...]*
>
> *26. Kif diġa` issemma, l-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-preżenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.*
>
> *27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura adversarial tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:*
>
> *"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*

*Għalhekk stante lill-istqarrija magħmula mill-esponenti ingħatat fi żmien meta huwa ma setax jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu u għalhekk ma setax jiġi spjegat lilu l-konsegwenzi ta' dak li kien qiegħed jgħid, huwa qiegħed umilment jissottometti illi l-istqarrija rilaxxata minnu u kwalunkwe referenza għaliha m'għandhiex tittieħed in konsiderazzjoni mill-Onorabbli Qorti Kriminali.*

## 2. ***Ċertezza Legali***

*Illi in oltre, jeżisti wkoll stat ta' inċertezza legali fuq il-materja tal-ammissibilita` o meno ta' stqarrija li ġiet mogħtija fi żmien meta l-liġi ma kinitx tipprovdi għad-dritt tal-avukat li jkun preżenti waqt stqarrija u dana tenut kont tal-ġurisprudenza varja tal-Qrati nostrani f'dan ir-rigward.*

*Illi għalhekk din l-inċertezza hija leżiva għad-drittijiet fundamentali tal-esponent kif sanċiti fl-Artikolu 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali in kwantu li fin-nuqaas ta' tali ċertezza legali ġiet krejata diskriminazzjoni mingħajr fundament lill-esponenti, kif ukoll teżisti imprevedibbilita` legali li tmur kontra l-kunċett ta' 'liġi' kif inhu interpretat fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Dan l-stat ta' inċertezza jikser id-dritt ta' individwu li jkollu smigħ xieraq stante li konsegwentment imur kontra s-Saltna tad-Dritt.*

*Illi fil-każ* ***Camilleri vs. Malta*** *deċiża fit-22 ta' Jannar 2013 mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-kunċett ta' liġi ġie interpretat b'dan il-mod:*

> *35. When speaking of "law" Article 7 alludes to the very same concept as that to which the Convention refers elsewhere when using that term, a concept which comprises statute law as well as case-law and implies qualitative requirements, including those of accessibility and foreseeability (see Cantoni v. France, 15 November 1996, § 29, Reports 1996-V, Coëme and Others v. Belgium, nos. 32492/96, 32547/96, 32548/96, 33209/96 and 33210/96, § 145, ECHR 2000-VII, § 145, and E.K. v. Turkey, no. 28496/95, § 51, 7 February 2002). These qualitative requirements must be satisfied as regards both the definition of an offence and the penalty the offence in question carries (see Kafkaris, cited above, § 140). An individual must know from the wording of the relevant provision and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable and what penalty will be imposed for the act and/or omission committed (see, among other authorities, Cantoni, cited above, § 29).*

*Filwaqt illi l-kunċett importanti tal-prevedibbilita` ossia foreseeability ġie interpretat hekk:*

> *38. Foreseeability depends to a considerable degree on the content of the law concerned, the field it is designed to cover and the number and status of those to whom it is addressed. A law may still satisfy the requirement of "foreseeability" where the person concerned has to take appropriate legal advice to assess, to a degree that is reasonable in the circumstances, the consequences which a given action may entail (see Achour v. France [GC], no. 67335/01, § 54, ECHR 2006-IV and Sud Fondi srl and Others v. Italy, no. 75909/01, § 110, 20 January 2009).*

*Illi f'dan il-każ ir-rikorrent ġie trattat b'mod kompletament differenti minn ħafna oħrajn, f'każ fejn huwa ma seta' qatt jipprevedi b'mod raġjonevoli x'inhi s-sitwazzjoni legali tiegħu anke bl-assistenza ta' konsulent legali u dana minħabba n-nuqqas ta' ċertezza legali li kienet u għadha teżisti fil-ġurisprudenza nostrana bi ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni.*

*Illi l-eżami li għamlet il-Qorti tad-Drittijiet Umani f'każijiet simili sabiex teżamina "reasonable foreseeability of the judicial interpretation" huwa "whether the applicant could reasonably have foreseen at the material time, if necessary with the assistance of a lawyer, that he risked being charged with and convicted of the crime in question (Jorgic v. Germany, §§ 109-113), and that he would incur the penalty which that offence carried. The Court must ascertain whether the judicial interpretation of the criminal law merely continued a perceptible line of case-law development (S.W. v. the United Kingdom and C.R. v. the United Kingdom), or whether the courts had adopted a new approach which the applicant could not have foreseen (Pessino v. France, § 36; Dragotoniu and Militaru-Pidhorni v. Romania, § 44; Del Río Prada v. Spain, §§ 111-117; see, conversely, Arrozpide Sarasola and Others v. Spain, §§ 124-130, concerning an isolated judgment not backed by any case-law which might have inspired legitimate expectations in the applicants, followed a few months later by a landmark judgment from the Plenary Supreme Court determining the impugned issue)."*

*Illi kif diġa' ġie trattat mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem:*

> *The Court has found that the foreseeability requirement was not met in cases of an extensive interpretation of criminal law to the accused's disadvantage (in malam partem), both where that interpretation stems from an unforeseeable case-law reversal (Dragotoniu and Militaru-Pidhorni v. Romania, §§ 39-48) or from an interpretation by analogy which is incompatible with the essence of the offence (for example, the conviction for genocide in Vasiliauskas v. Lithuania [GC], §§ 179-186), and where there has been an extensive and unforeseeable interpretation of an offence to the accused's disadvantage that is incompatible with the very essence of that offence (Navalnyye v. Russia, § 68; Parmak and Bakir v. Turkey, § 76). It may also find against a State on the grounds of a conviction for an offence resulting from case-law development consolidated after the commission of that offence (for example, the offence of aiding and abetting a mafia-type organisation from the outside in Contrada v. Italy (no. 3), §§ 64-76), or the case of a conviction based on an ambiguous domestic law provision which had offered divergent interpretations (Žaja v. Croatia, §§ 99-106). In that connection, an inconsistent case-law lacks the required precision to avoid all risk of arbitrariness and enable individuals to foresee the consequences of their actions (ibid., § 103).*

*Illi l-esponenti jsostni illi riċentement u cioe fl-1 ta' Ġunju 2021, il-Qorti Kriminali presedjuta mill-Imħallef C. Scerri-Herrera fil-kawża fl-ismijiet* ***Repubblika ta' Malta vs. Rosario Militello*** *eżaminat il-kwistjoni tal-*

*inċertezza legali u saħqet hekk anke b'referenza ampja għall-ġurisprudenza tal-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem:*

*Illi bħala introduzzjoni, jingħad li l-ħtieġa ta' ċertezza legali huwa rekwiżit intrinsiku tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Huwa minnu li fis-sistema ġuridika nostrana ma jeżistix il-kunċett tal-preċedent peró dan ma jffisirx awtomatikament li għalkemm qorti mhijiex marbuta li ssewgi ad unguem deċiżjonijiet preċedenti hija għalhekk libera li tiddipartixxi minn raġunament alterjuri Dan qed jingħad għaliex jeżisti prinċipju ieħor li jippromwovi dicta kostanti u dan in ommaġġ mal-prinċipju auctoritas rerum (perpetuo) similiter iudicatarum. Illi dan il-prinċipju sab applikazzjoni diversi drabi mill-qrati tagħna inter alia fis-sentenza fl-ismijiet Ignatious u Carmela konjuġi Debono et vs Direttur tal-Artijiet. Illi dan il-prinċipju jsib ukoll eżistenza fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja. (enfasi tal-esponenti)*

*Fis-sentenza Beian v. Romania 6 ingħad is-segwenti:*

*"33. However, where States decide to enact legislation to compensate victims of past injustices, it must be implemented with reasonable clarity and coherence in order to avoid, in so far as possible, legal uncertainty and ambiguity for the legal persons concerned. In that context, it should be stressed that uncertainty – be it legislative, administrative or judicial – is an important factor to be taken into account in assessing the State's conduct (see, mutatis mutandis, Broniowski v. Poland 7, and Păduraru v. Romania 8). (enfasi tal-esponenti)*
*…*

*36. In the absence of a mechanism for ensuring consistency in its case-law, the highest domestic court delivered diametrically opposed judgments, sometimes on the same day, concerning the scope of Law no. 309-2002 (see, for instance, the judgments of 11 January and 1 and 28 March 2005).*

*37. Admittedly, divergences in case-law are an inherent consequence of any judicial system which is based on a network of trial and appeal courts with authority over the area of their territorial jurisdiction. However, the role of a supreme court is precisely to resolve such conflicts (see Zielinski and Pradal and Gonzalez and Others v. France 9)." (enfasi tal-esponenti)*

*Illi ssir referenza wkoll għas-sentenza Albu and Others v. Romania 10 fejn il-Qorti Ewropea tenniet is-segwenti:*

*"The criteria that guide the Court's assessment of the conditions in which conflicting decisions of different domestic courts ruling at last instance are in breach of the fair trial requirement enshrined in Article 6 § 1 of the Convention consist in establishing whether "profound and long-standing differences" exist in the case-law of the domestic courts,*

*whether the domestic law provides for machinery for overcoming these inconsistencies, whether that machinery has been applied and, if appropriate, to what effect (see Iordan Iordanov and Others, cited above, §§ 49-50; see also Beian (no. 1), cited above, §§ 34-40; Ştefan and Ştef v. Romania,; Schwarzkopf and Taussik, cited above, 2 December 2008; Tudor Tudor, cited above, § 31; and Ştefănică and Others, cited above, § 36);"*

*Illi ssir referenza wkoll għas-sentenza Affaire Stefan et Stef c. Roumainie 11*

*"34. En l'espèce, la Cour note que, dans une série d'arrêts, la Cour suprême de justice a interprété les dispositions de la loi no 51/1995 comme conférant aux juristes d'entreprise ayant exercé pendant plus de dix ans le droit d'accéder à l'Ordre des avocats sans examen d'entrée. Cependant, la Cour observe que, contrairement à sa jurisprudence constante confirmant ce droit, la Cour suprême de justice a adopté une solution diamétralement opposée dans les affaires des requérants.*

*35. Or, force est de constater que les deux arrêts du 30 janvier 2003 ne sauraient être qualifiés de revirement jurisprudentiel fondé sur une nouvelle interprétation de la loi. En effet, la Cour suprême de justice n'a nullement expliqué les raisons du changement de sa position et elle est revenue ultérieurement à sa jurisprudence constante. Dans ce contexte, les deux arrêts déniant aux requérants le droit de bénéficier des dispositions de la loi no 51/1995 apparaissent singuliers et arbitraires.*

*36. Il s'ensuit que l'incertitude jurisprudentielle qui a entraîné le rejet des actions des requérants, à laquelle s'ajoute l'absence d'un mécanisme apte à assurer la cohérence de pratique au sein même de la plus haute juridiction interne, a eu pour effet de priver les requérants du droit à l'inscription à l'Ordre sans examen alors que d'autres personnes se trouvant dans une situation similaire se sont vu reconnaître ce droit (voir, mutatis mutandis, Beian (no 1), précité, § 40)."*

*Fil-każ ta' Albu v Romania 12, dwar il-prinċipju ta' ċertezza legali:*

*"In its recent Grand Chamber judgment in Nejdet Şahin and Perihan Şahin v. Turkey13, the Court reiterated the main principles applicable in cases concerning the issue of conflicting court decisions. These can be summarised as follows:*

*"(i) It is not the Court's function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national court unless and in so far as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention (see García Ruiz v. Spain14. Likewise, it is not its function, save in the event of evident arbitrariness, to compare different decisions of national*

*courts, even if given in apparently similar proceedings, as the independence of those courts must be respected (see Ādamsons v. Latvia15);*

*"(ii) The possibility of conflicting court decisions is an inherent trait of any judicial system which is based on a network of trial and appeal courts with authority over the area of their territorial jurisdiction. Such divergences may also arise within the same court. That, in itself, cannot be considered contrary to the Convention (see Santos Pinto v. Portugal,16 and Tudor Tudor v Rumania .) 17*

*"(iii) The criteria that guide the Court's assessment of the conditions in which conflicting decisions of different domestic courts ruling at last instance are in breach of the fair trial requirement enshrined in Article 6 § 1 of the Convention consist in establishing whether "profound and long-standing differences" exist in the case-law of the domestic courts, whether the domestic law provides for machinery for overcoming these inconsistencies, whether that machinery has been applied and, if appropriate, to what effect (see Iordan Iordanov and Others18,; see also Beian v Rumania (no. 119); Ştefan and Ştef v. Romania20; Schwarzkopf and Taussik v Czech Republic 21 ; Tudor Tudor v Rumania 22; and Ştefănică and Others 23;*

*"(iv) The Court's assessment has also always been based on the principle of legal certainty which is implicit in all the Articles of the Convention and constitutes one of the fundamental aspects of the rule of law (see, amongst other authorities, Beian (no. 1), cited above, § 39; Iordan Iordanov and Others 24; and Ştefănică and Others 25);*

*(v) The principle of legal certainty, guarantees, inter alia, a certain stability in legal situations and contributes to public confidence in the courts. The persistence of conflicting court decisions, on the other hand, can create a state of legal uncertainty likely to reduce public confidence in the judicial system, whereas such confidence is clearly one of the essential components of a State based on the rule of law (see Paduraru v. Romania26; Vinčić and Others v. Serbia, nos. 44698/06 and others, § 56, 1 December 2009; and Ştefănică and Others, cited above, § 38);"*

*(vi) However, the requirements of legal certainty and the protection of the legitimate confidence of the public do not confer an acquired right to consistency of case-law (see Unédic v. France.27) Case-law development is not, in itself, contrary to the proper administration of justice since a failure to maintain a dynamic and evolutive approach would risk hindering reform or improvement (see Atanasovski v. "the Former Yugoslav Republic of Macedonia 28."*

*Illi anke riċentement il-Qorti Kriminali f'żewġ sentenzi mogħtija fl-istess ġurnata u ċioe fid-29 ta' Lulju 2021 fl-ismijiet* ***Repubblika ta' Malta vs. Andrew Mangion*** *u* ***Repubblika ta' Malta vs. Kevin Sammut*** *saret referenza għal dan il-kunċett ta' ċertezza legali b'referenza għall-mod ta' kif il-Qrati*

*tagħna trattaw mal-ammissibilita` ta' stqarrija li tkun ingħatat fi żmien meta l-liġi ma kinitx tippermetti avukat preżenti. Illi l-Qorti qalet hekk:*

> *Kif ġia ġie enfasizzat sal-lum il-ġurnata, l-Qrati għadhom jieħdu direzzjonijiet kunfliġġenti, stat li qiegħed iwassal għal inċertezza. Il-Qrati f'xi waqtiet qegħdin iqisu li l-istqarrija ma għandhiex titħalla fil-proċess, filwaqt li f'xi waqtiet il-Qrati qegħdin iqisu li l-Qorti ma tistax a priori tqis li stqarrija rilaxxata mingħajr ma persuna kellha dritt li jkollha Avukat preżenti bħala prova inammissibbli mingħajr ma jkun hemm provvediment fil-liġi li jeskludi tali prova. Din il-Qorti tenfasizza li jeħtieġ li jkun hemm direzzjoni ċara inkluż linji gwidi sabiex din is-sitwazzjoni tiġi rimedjata.*

*Illi l-istess Qorti filwaqt illi saħqet li dan huwa prinċipju importanti legali għas-Saltna ta' Dritt f'pajjiż demokratiku għamlet ukoll referenza għal dak li ġie trattat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **il-Pulzija vs Alfred Camilleri** fejn dik il-Qorti tat importanza kbira dan il-kunċett u spjegat it-tifsira tiegħu meta stqarret:-*

> *"Filwaqt li huma minnu lil-Qrati nostrana m'humiex marbuta bil-liġi tal-preċedent, huma jutilizzaw il-prinċipju auctoritas rerum similiter judicatarum sabiex tiġi kreata ċertezza legali u dan ħafna aktar determinant fil-kamp kriminali. Huwa minnu wkoll li ċ-ċertezza tad-dritt tista' tkun flessibbli fis-sens illi l-Qrati jistgħu f'xi ħin jagħtu interpretazzjonijiet ġodda. Iżda, l-Qorti Ewropeja kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tanalizza l-elementi li jistgħu jwasslu għal-leżjoni kif qiegħed jiġi sotttomess l-esponent.*

*Illi hawnhekk il-Qorti Kriminali reġgħet fiż-żewġ sentenzi saħqet l-importanza lill-Qorti Kostituzzjonali bħala l-ogħla Qorti fis-Saltna tad-Dritt tar-Repubblika ta' Malta għandha obbligu li tneħħi l-inċertezzi:*

> *Hija s-sottomissjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li minħabba fis-sentenzi hawn fuq ċitati, jirriżulta kjarament diverġenzi assoluti fl-interpretazzjonijiet mogħtija mill-istess Qrati nostrana u cioé l-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti tal-Appelli Kriminali (sede Superjuri), li, fin-nuqqas ta' Qorti ta' Kassazzjoni, il-Qorti Kostituzzjonali għandha hi d-dmir li tneħħi kull inċertezza u ċertament mhux tkun tikkreja hi tal-istess.*

*Illi finalment u sabiex tikkristalizza dan il-punt kienet il-Qorti Kriminali stess li għamlet referenza għall-każ **The Republic of Malta vs. Lamin Samura Seguba** sabiex tfisser illi dan il-prinċipju huwa wieħed ferm importanti.*

*Illi l-Qorti Kriminali fiż-żewġ sentenzi fuq ċitati saħqet hekk:*

> *Din il-Qorti terġa' tenfasizza li jeħtieġ li jiġi salvagwardat il-prinċipju ta' 'legal certainty'. Wisq qiegħed jiġri li sentenzi li anke jinqatgħu fl-istess jum, kif din il-Qorti għamlet referenza għalihom f'din is-sentenza, qegħdin jagħtu direzzjoni konfliġġenti, tant li l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) provdiet direzzjoni differenti minn dik*

> *mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-istess jum dwar din il-kwistjoni u dan nhar is-27 ta' Jannar, 2021.*

*Illi għaldaqstant a bażi ta' dak hawn fuq ċitat dan l-istat ta' inċertezza fil-ġurisprudenza ta' pajjiżna huwa wkoll leżiv in kwantu jikkreja diskriminazzjoni mingħajr fundament għall-esponenti u jwassal għal ksur inter alia, tad-drittijiet fundamentali tiegħu ta' smigħ xieraq u nuqqas ta' diskriminazzjoni ai termini tal-Artikolu 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artiklu 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.*

***3. <u>Rule of disclosure</u>***

*Illi l-fatt illi l-esponent ma ngħatax id-dritt għar-rule of disclosure wassal għal ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u dana peress fil-każ odjern l-mankanza fil-liġi Maltija tar-rule of disclosure fil-mument illi huwa ġie investigat u sussegwentement arrestat wassal għal actual prejudice fil-każ tiegħu.*

*Illi bla dubju u mhux kontestat illi fiż-żmien tal-arrest tal-esponenti, ma kienx hemm dritt ta' aċċess għal file tal-pulizija fil-liġi penali Maltija u ċioe' d-dritt tar-rule of disclosure. Illi ċertament il-konoxxenza tal-provi li l-prosekuzzjoni tressaq kontra l-akkużat huma sanċiti fil-prinċipju ta' equality of arms, element fundamentali ta' dritt ta' smigħ xieraq.*

*Illi kif intqal inter alia, fil-kawża fl-ismijiet* ***Pelissier u Saissi v. France*** *deċiża fil-25 ta' Marzu 1999 mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani:*

> *"In determining whether the proeedings as a whole were fair, regard must also be had to whether the rights of the defence have been respected. In particular, it must be examined whether the applicant was given an opportunity to challenge the authenticity of the evidence and to oppose its use. In addition, the quality of the evidence must be taken into consideration, as must the circumstances in which it was obtained and whether these circumstances cast doubt on its reliabiltiy or accuracy."*

*Illi fil-***Guide on Article 6: Rigħt to a Fair Trial** *(criminal limb) tal-Kunsill Ewropej [recte, tal-Kunsill tal-Ewropa] 2014 paġna 20 insibu hekk dwar dan:*

> *It is a fundamental aspect of the right to a fair trial that criminal proceedings, including the elements of such proceedings which relate to procedure, should be adversarial and that there should be equality of arms between the prosecution and defence. The right to an adversarial trial means, in a criminal case, that both prosecution and defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and the evidence adduced by the other party. In addition, Article 6 § 1 requires that the prosecution authorities disclose to the defence all material evidence in their*

> *possession for or against the accused (Rowe and Davis v. the United Kingdom [GC], § 60). »"104. In a criminal trial, Article 6 § 1 usually overlaps with the defence tights under Article 6 § 3, such as the right to question witnesses."*

*Illi prevja dan id-dritt li sa dak iż-żmien ma kienx għadu kodifikat fil-liġi nostrana, kif jista' r-rikorrent qatt seta' jibbenefika minn dak lill-Qorti Ewropeja fil-każ ta'* ***Dayanan v. Turkey*** *(13.10.2009 (II)) sejħet "vast range of interventions that are inherent to legal advice" u illi huma rikjesti sabiex verament id-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq u ta' fair trial sanċit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzzjoni jiġi protett?*

*Illi dan id-dritt ta' parir legali jikontempla skont l-istess Qorti:*

> *In this respect, the discussion of the case, the organization of the defence, the search for favourable evidence, preparation for interrogations, support of the suspect in distress and control of the conditions of detention are essential elements of the defence which the lawyer must be free to perform*

*Illi wkoll, fil-kawża* ***Pischalnikov v. Russia*** *deċiża fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) il-Qorti tad-Drittijiet Umani, spjegat fid-dettal il-funzjonijiet varji u tekniċi tal-avukat fl-istadju tal-investigazzjoni u għaliex hemm bżonn illi l-avukat ikollu aċċess għall-proċess tal-akkużat mill-bidu nett tal-investigazzjoni:*

> *"Having been denied legal assistance, the applicant was unable to make the correct assessment of the consequences his decision to confess would have on the outcome of the criminal case ... In the absence of counsel, who could have provided legal advice and technical skills, the applicant could not make full and knowledgeable use of his rights afforded by the criminal procedural law."*

*Di fatti, din l-interpretazzjoni wiesa` tad-dritt għall-aċċess ta' materjali u dokumenti sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni lill-persuna suspettata kompliet tiġi sanata fil-kawża* ***Pavlenko v. Russia*** *deċiża fl-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010) fejn hemmhekk ġie ritenut hekk:*

> *"Thus even though at the trial the applicant had an opportunity to challenge the evidence against him in adversarial proceedings with the benefit of legal advice the Court reiterates its foregoing findings concerning the legal assistance in the pre-trial proceedings, and concludes that the shortcomings in respect of the legal assistance at that stage seriously undermine the position of the defence at the trial." (Section 119)*

*Illi f'dan l-istadju, jiġi nnotat li f'Malta, bħal pajjiżi li jimxu bis-sistema adversarial hija l-Pulizija Eżekuttiva li hi obbligata li tfittex u tressaq il-provi kollha kemm favur u kemm kontra l-persuna akkużata. Illi kif jgħid ċar l-Artikolu 356 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta:*

> *356. (1) Huwa dmir tal-Pulizija Eżekuttiva li ġġib quddiem il-qorti mill-aktar fis li tista', u, meta jista' jkun, flimkien mal-imputat, il-provi kollha li tkun ġabret fuq ir-reat.*
>
> *(2) Ikun id-dmir tal-uffiċjali tal-pulizija prosekuturi li jiżvelaw lid-difiża dawk il-provi li jistgħu jidhru li jiffavorixxu lill-persuna akkużata u li l-Pulizija, għal liema raġuni tkun, jista' ma jkollhomx il-ħsieb li jġibu quddiem il-qorti bħala provi tal-prosekuzzjoni.*

*Illi mhux talli huwa biżżejjed illi dawn il-provi jitressqu fl-intier tagħhom iżda huwa daqstant ieħor relevanti li jinġiebu dawn il-provi li jagħtu dawl u jirreletaw mal-amissibilita`, reliabilita` u kompletezza ta' tali provi. Hekk esprimiet ruħha wkoll il-Qorti fil-kawża* ***Rowe and Davis v. the United Kingdom*** *[GC], § 66; Mirilashvili v. Russia, § 200; Leas v. Estonia, § 81; Matanović v. Croatia, § 161 meta irriteniet hekk:*

> *An issue with regard to access to evidence may arise under Article 6 insofar as the evidence at issue is relevant for the applicant's case, specifically if it had an important bearing on the charges held against the applicant. This is the case if the evidence was used and relied upon for the determination of the applicant's guilt or it contained such particulars which could have enabled the applicant to exonerate oneself or have the sentence reduced. The relevant evidence in this context is not only evidence directly relevant to the facts of the case, but also other evidence that might relate to the admissibility, reliability and completeness of the former.*

*Illi bl-istess mod espremiet ruħha il-Qorti meta ġiet biex tevalwa jekk kienx hemm ksur f'każ fejn id-difiża ma kellhiex il-mekkaniżmu sabiex tara dak li kien jew ma kienx relevanti:*

> *In any case, in systems where the prosecuting authorities are obliged by law to take into consideration both the facts for and against the suspect, a procedure whereby the prosecuting authorities themselves attempt to assess what may or may not be relevant to the case, without any further procedural safeguards for the rights of the defence, cannot comply with the requirements of Article 6 § 1 (Natunen v. Finland, §§ 47-49; Matanović v. Croatia, §§ 158, 181- 182).*

*Illi saħanistra anke f'każ fejn id-difiża ma ngħatatx id-dritt illi tagħmel tfittxijiet ulterjuri fejn tidħol evidenza elettronika il-Qorti tad-Drittijiet Umani sabet ksur:*

> *In the context of disclosure of evidence, complex issues may arise concerning the disclosure of electronic data, which may constitute a certain mass of information in hands of the prosecution. In such a case, an important safeguard in the sifting process is to ensure that the defence is provided with an opportunity to be involved in the laying-down of the criteria for determining what might be relevant for*

> *disclosure (Sigurður Einarsson and Others v. Iceland, § 90; see also Rook v. Germany, §§ 67 and 72). Moreover, as regards identified or tagged data, any refusal to allow the defence to have further searches of such data carried out in principle raises an issue with regard to the provision of adequate facilities for the preparation of the defence (Sigurður Einarsson and Others v. Iceland, § 91).*

*Illi finalment ssir referenza wkoll għall-kawża deċiża nhar il-15 Jannar 2019 mill-Qorti tal-Appell Kriminali presedjuta mill-Imħallef C. Scerri Herrera fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Michael Borg et****.*

> *Illi l-appellant jissottometti wkoll li l-istqarrijiet ġew rilaxxati qabel l-introduzzjoni tal-artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali li ġie inkorporat fil-Liġijiet penali Maltin permezz tal-Att 4 tal-2014. Jissottometti li kwalunkwe stqarrija rilaxxata mill-appellant ġiet rilaxxata mingħajr ma kellu aċċess għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija u ċioe mingħajr ma kellu 'disclosure' tal-evidenza ġia miġbura. Minkejja li huwa minnu li dan id-dritt ġie introdott wara li ġiet rilaxxata l-istqarrija tal-imputat, l-appellant naqas milli jispjega x'informazzjoni ma kellux qabel ma ġie interrogat. In oltre, mill-atti minn imkien ma jirriżulta li l-appellant kien talab sabiex tingħatalu informazzjoni u għalhekk din is-sottomissjonijiet hija ampjament infondata u qiegħda għalhekk tiġi skartata. Għalhekk din il-Qorti qiegħda tiddikjara l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputati bħala inammissibli mhux abbażi tas-sottomissjoni magħmula mill-appellant rigwardanti l-artikolu 534AF tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda in vista li l-imputati meta rrilaxxaw l-istqarrijiet tagħhom ma kellhomx id-dritt li jagħżlu jekk iridux ikunu assistiti minn Avukat matul l-interrogazzjoni. Għalhekk sabiex ma jiġux leżi d-drittijiet fundamentali tal-imputati, din il-Qorti sejra tiskarta l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputati u kwalunkwe referenza għalihom.*

*Illi f'dan l-isfond l-esponenti jagħmlu referenza għal dak miktub mill-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick fil-ktieb Law of the European Convention on Human Rights:*

> *The application of Article 6 has presented the Court, and formerly the Commission, with various problems. A delicate question is the closeness with which it should monitor the functioning of national courts. The Court has studiously and properly followed the 'fourth instance' doctrine, according to which, as the Court regularly states, 'it is not its function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national Court unless and in so far as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention'.*
>
> *The right to a fair hearing, which is one such Convention right, has, as its wording generally suggests, been interpreted as providing only a procedural, not a substantive, guarantee. Accordingly, the Court will intervene in respect to 'errors of fact or law' by a national court only insofar as they bear upon compliance with the procedural guarantees*

*in Article 6: it does not intervene under Article 6 because they affect the 'fairness' of the national court decision on its merits.*

*However, this last statement must be read subject to a limitation that is to be found in some recent Court jurisprudence to the effect that there may be a breach of Article 6 where a national court decision on the merits has been 'arbitrary or manifestly unreasonable'.*

*Finally, it is relevant to note that in some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of 'actual prejudice' to the applicant. This is the case in the application of the residual 'fair hearing' guarantee in Article 6(1), and is true of some specific Article 6 guarantees. As to the latter, Stavros states in respect of criminal cases:*

*This tendency has manifested itself in the context of Article 6(3) (a), (b) and (d) and sometimes in the context of the right to an impartial tribunal. This is not, however, always the case. The Convention organs appear to regard the presence of actual prejudice inherent in the failure to observe other guarantees, pronouncing automatically the breach of the Convention.*

*In cases in which 'actual prejudice' is sought, this will be decided on the basis of the hearing 'as a whole', so that a procedural deficiency that is outweighed by other aspects of the hearing or that is rectified on appeal will not involve a breach of Article 6.*

*Illi fil-Guide on Article 6: Right To A Fair Trial (criminal limb) tal-Kunsill Ewropej 2014 paġna 20 insibu hekk dwar dan:*

*" 2. Adversarial hearing*

*103. It is a fundamental aspect of the right to a fair trial that criminal proceedings, including the elements of such proceedings which relate to procedure, should be adversarial and that there should be equality of arms between the prosecution and defence. The right to an adversarial trial means, in a criminal case, that both prosecution and defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and the evidence adduced by the other party. In addition Article 6 § 1 requires that the prosecution authorities disclose to the defence all material evidence in their possession for or against the accused (Rowe and Davis v. the United Kingdom [GC], § 60).*

*104. In a criminal trial, Article 6 § 1 usually overlaps with the defence rights under Article 6 § 3, such as the right to question witnesses."*

*Fil-każ in eżami l-proċeduri għadhom għaddejjin u għalhekk li hu ċert fil-każ in eżami huwa illi fil-mument illi l-esponent ġie interrogat u sussegwentement ġie arrestat ma ngħatalux id-dritt u l-informazzjoni kollha meħtieġa ta' biex*

*inhu akkużat u dan ovvjament iwassal fil-fatt illi l-esponenti sofra preġudizzju riżultat ta' non disclosure.*

*Illi fil-fatt, illum il-ġurnata l-Liġi inbidlet u l-Kodiċi Kriminali jipprovdi diversi drittijiet lill-persuni interrogati u sussegwentement arrestati fosthom id-dritt tar-rule of disclosure. Fil-fatt, permezz tal-emendi li saru fil-Kodiċi Kriminali fl-Iskeda E, Taqsima I, Ittra bi Drittijiet, insibu illi l-persuna interrogata jew l-avukat tagħha għandu d-dritt għal dokumenti essenzjali neċessarji għall-kontestazzjoni tal-arrest jew id-detenzjoni u jekk sussegwentement il-persuna titressaq il-Qorti l-istess persuna jew l-avukat tagħha għandhom dritt għad-dokumenti kollha senjatament il-provi kollha favur jew kontra l-akkużat.*

*Illi għaldaqstant stante illi l-esponent ma ngħatax id-dritt għar-rule of disclosure wassal għal ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitlob reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq u dan bi ksur tal-Artikolu 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 6, 7, 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem*

2. *Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi;*

2. Rat illi fit-2 ta' Novembru 2022, l-intimat **Avukat tal-Istat** irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Preliminarjament l-esponent jemmen li l-azzjoni tar-rikorrenti hija għal kollox intempestiva. F'dan il-kuntest huwa stabbilit anke f'ġurisprudenza konsistenti, li biex tinsab leżjoni tas-smigħ xieraq kif imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fil-kumpless kollu tiegħu. Allura l-ilment ta' nuqqas ta' smigħ xieraq imqanqal mir-rikorrent jista' jiġi biss eżaminat ladarba l-proċess kriminali jiġi konkluż u dan ma jistgħax isir proprju għaliex il-ġuri għadu pendenti quddiem il-Qorti Kriminali.*

   2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu bħala punt ta' dritt taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea nsibu l-jedd għal smigħ xieraq u mhux il-jedd għall-għajnuna ta' avukat qabel ma, jew waqt illi, tittieħed stqarrija. Ifisser dan, li jekk in-nuqqas ta' konsultazzjoni ma' avukat fil-mument tat-teħid tal-istqarrija ma ġġib l-ebda preġudizzju serju għall-akkużat fl-eżitu tal-proċeduri kriminali allura dan tal-aħħar ma jkollu l-ebda raġun jinvoka ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq abbażi ta' dan in-nuqqas.*

3. *Il-Qorti Kostituzzjonali għamlitha ċara f'ħafna sentenzi riċenti illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u ipso facto, għall-*ksur *tal-jedd għal smigħ xieraq (*ara inter alia ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmel Camilleri*** *tat-22 ta' Frar 2013,* **Charles Stephen Muscat vs. *Avukat Ġenerali*** *tat-8 ta' Ottubru 2012 u* ***Joseph Bugeja vs. Avukat Ġenerali*** *tal-14 ta' Jannar 2013), iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta' leġittimità meħtieġa biex l-istqarrija titqies li ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.*

4. *Marbut ma` dan l-istqarrija ma tistax tiġi iżolata waħidha mill-bqija tal-kumpless tal-proċeduri kriminali. Kif ħafna drabi ngħad f'dawn iċ-ċirkostanzi, id-*dritt *tas-smigħ xieraq irid jiġi meqjus fil-*kuntest *tat-totalità tal-proċeduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku. Tabilħaqq biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-*interessi *tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti. Wieħed ma jistax u mgħandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (ara fost oħrajn is-*sentenzi **Dr. Lawrence Pullicino vs. Onorevoli Prim Ministru et** *deċiża mill-*Qorti Kostituzzjonali *fit-18 ta' Awwissu 1998,* **Anthony Zarb et vs. Ministru tal-*Ġustizzja et*** *deċiża mill-*Qorti Kostituzzjonali *fis-16 ta'* Ottubru 2002 *u* **Gregorio sive Godwin Scicluna vs. *Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-*Qorti Kostituzzjonali *fil-15 ta' Ottubru 2003).*

5. *Dwar dan l-ilment terġa' issir referenza għal dak li intqal aktar `il fuq u ċioe` li l-azzjoni tar-rikorrenti hija waħda għal kollox* ***intempestiva*** *għaliex il-proċeduri tagħha għadhom pendenti. Dan ġie ri-affermat ukoll mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawżi* ***Dimech vs. Malta u Tyrone Fenech et vs. Malta.***

6. *Illi di piu ix-xenarju ġurisprudenzjali reġa' inbidel bil-kawżi* ***Beuze vs. Belgium, Farrugia vs. Malta u Stephens vs. Malta.*** *Xi stabbilew dawn il-kawżi ser jiġi spjegat f`aktar dettal waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawża.*

7. *Illi imkien ma huwa imniżżel la fil-Kostituzzjoni u lanqas fil-Konvenzjoni Ewropea li l-interessi ta` persuna arrestata u interrogata huma mħarsa biss u unikament bil-preżenza tal-avukat qabel u/jew waqt l-interrogazzjoni tal-pulizija. Fil-ġurisprudenza nostrana ġie affermat li meta persuna tikkonferma l-istqarrija bil-ġurament u fil-presenza tal-Maġistrat Inkwirenti dan ikun ifisser li ngħatawlha l-garanziji kollha skond il-liġi biex id-drittijiet tagħha jkunu mħarsa minn kull forma ta` abbuż* ***(issir referenza għal dak deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Il-Pulizija vs. Tyrone Fenech).***

8. *Illi wieħed ma jistgħax jinjora l-fatt illi r-rikorrenti bl-ebda mod ma ġie imġiegħel jagħti l-istqarrija li ta. Huwa ngħata t-twissija skont il-liġi u l-istess rikorrenti kien qed jifhem l-import taċ-ċirkostanza li kien jinsab fiha. Marbut ma' dan imkien ma jirriżulta li r-rikorrent kien persuna vulnerabbli u lanqas li sofra xi pressjoni, theddid jew influwenza fit-teħid tal-istqarrija. Fuq kollox ir-rikorrent ingħata ukoll d-dritt li jikkonsulta ma` avukat diversi drabi waqt l-investigazzjoni tal-pulizija liema dritt ma użahx.*

9. *Illi meta wieħed jaqra is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fil-15 ta` Diċembru 2020 fil-kawża Ir-Repubblika ta` Malta vs, Charles Seychell liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali, isib li dik l-Qorti daħlet funditus għalfejn l-istqarrija m`għandhiex tiġi sfilzata u l-esponent jagħmel tiegħu dawk il-konsiderazzjonijiet u jisħaq li l-ilment għandu jiġi miċħud għaliex:*

   i. *Illi fis-sena 2010 r-rikorrent kellu 31 sena, b'hekk żgur ma hemmx dubju li ma kienx minorenni u vulnerabbli ;*
   ii. *Illi l-Ispettur kien għarraf lill-akkużat bid-dritt tiegħu għall-assistenza legali, u minkejja dan xorta ddeċieda li ma jeżerċitahx;*
   iii. *Illi ma hemmx dubju li l-istqarrija ingħatat volontarjament minħabba li din l-istess stqarrija ġiet ikkonfermata quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Fil-fatt, ir-rikorrent ddeċieda li jikkonferma bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti li ngħata t-twissija li ma hux obbligat li jirrispondi u li kull ma jgħid jistà jinġieb bħala prova;*
   iv. *Illi finalment matul il-kors tal-ġuri, l-Imħallef jistà jagħti kull direzzjoni dwar l-valur probabatorju tal-istqarrija.*

10. *Illi fl-umli opinjoni tal-esponent il-ġurisprudenza fuq dan is-suġġett evolviet b'tali mod li hija univoka li l-fatt waħdu li stqarrija tkun ittieħdet mingħajr l-assistenza legali ma jrendihiex prova inammissibbli li għandha tiġi sfilzata . Illi l-Qrati penali għandhom l-għarfien u l-għodda kollha sabiex meta jiġu biex jevalwaw il-valur probatorju tal-provi li jkollhom quddiemhom dan isir anke in konsiderazzjoni tat-tagħlim ġurisprudenzjali tal-Qorti Kositutuzzjonali u l-ECHR.*

11. *Għalhekk dan l-ilment imressaq mir-rikorrenti għandu jiġi miċħud minn din l-Onorabbli Qorti.*

12. *Illi r-rikorrent qed jilmenta ukoll minn diskriminazzjoni minħabba nuqqas ta` ċertezza legali mill-Qrati fuq is-suġġett tal-istqarrija. In kwantu din il-lanjanza hija msejjsa fuq allegat ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għall-protezzjoni minn diskriminazzjoni, l-esponent jissottometti li fl-ebda waqt fir-raġunijiet miġjuba mir-rikorrent, ma hemm imfisser fuq liema bażi li jaħsbu għalihom l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja qiegħed jistrieħ ir-rikorrent.*

13. *Skond l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, sabiex jista' jingħad li seħħ ksur ta' jedd fundamentali dwar il-ħarsien mid-diskriminazzjoni, irid tassativament jintwera li l-imġieba diskriminatorja tkun taqa' taħt xi waħda mir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni li għalihom jirreferi l-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni. Illi f'dan il-każ, ir-rikorrent ma rabatx l-allegati ilmenti tiegħu tad-diskriminazzjoni ma' xi wieħed mill-motivi li nsibu elenkati f'dan l-artikolu u ċioe razza, post ta' oriġini, fehmiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identita' tal-ġeneru.*

14. *Illi għal dak li jirrigwarda l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja u jekk ġewx sodisfatti l-elementi li jaħseb għalihom dan l-artikolu, l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* **Abdulaziz, Cabales and Balkandali -vs- the United Kngdom** *deċiża mill-Qorti Ewropeja nhar it-28 ta' Mejju 1985 fejn ġie ritenut illi:*

> *"Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to the 'enjoyment of rights and freedoms' safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter".*

15. *Illi anke f'dan ir-rigward, ir-rikorrent ma allega ebda diskriminazzjoni għal xi raġuni elenkata fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja hekk kif meħtieġ sabiex ikun hemm vjolazzjoni ta' dan l-artikolu tal-Konvenzjoni.*

16. *Illi kif ġie osservat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet* **Enrietta Bianchi et vs Avukat Ġenerali et** *deċiża nhar l-24 ta' Ġunju 2011 :-*

> *"mhux kull trattament divers iwassal għal diskriminazzjoni skont l-Artikolu 14 imsemmi iżda biex tiġi ravviżata tali diskriminazzjoni dak it-trattament divers irid ikun motivat minn wieħed mill-istatus elenkati f'dak l-artikolu jew fuq xi ġeneru ta' status ieħor"***.**

17. *Illi r-rikorrent fl-ebda ħin ma kwalifika taħt liema kawżali huwa qiegħed jallega li ġarrab it-trattament diskriminatorju u l-paraguni bejn sentenza u oħra huma odjużi u kemm jista' jkun għandhom jiġu evitati, aktar u aktar f'każijiet li ma jkunux konnessi ma' xulxin.*

18. *Għalhekk din il-lanjanza għandha tiġi miċħuda.*

19. *Illi safejn l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq l-allegat ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jeċepixxu illi r-rikorrent ma ġarrabx preġudizzju fil-proċeduri tiegħu. Huwa ma jistax kredibbilment jilmenta li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq ġie leż minħabba li allegatament il-Pulizija ma*

*tagħtux disclosure tal-materjal u l-provi kollha li ġabret. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom pendenti, r-rikorrent igawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza, l-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha kontrih lil 'hinn minn kull dubju raġonevoli fi stadju ta' ġuri u r-rikorrent għandu kull opportunità li jiddefendi lilu nnifsu kif iħoss li huwa xieraq;*

20. *Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-aġir tal-esponenti ċertament ma kienx u ma huwiex abbużiv jew jonqos li josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali. L-esponenti aġixxew korrettament skond il-Liġi u fil-parametri mposti mill-Liġi u bl-ebda mod ma ppreġudikaw id-drittijiet tar-rikorrent;*

21. *Illi dan qed jingħad fid-dawl illi l-kumpilazzjoni ma kienet tikkonsisti f'xejn ħlief il-produzzjoni mill-prosekuzzjoni tal-materjal u x-xhieda bħala prova favur u kontra l-imputat, u l-ġbir ta' provi mill-Qorti fil-konfront tar-rikorrent. Il-Pulizija Eżekuttiva f'dak l-istadju pproduċiet il-provi kollha materjali u rilevanti għall-akkużat. Meta nħarġet l-Att ta' l-Akkuża, il-kumpilazzjoni ingħalqet u isegwi għalhekk li l-prosekuzzjoni diġa' wriet lir-rikorrent x'inhuma l-provi fil-pussess tagħha kontrih u favorih biex b'hekk huwa issa jaf kif għandu jiddefendi ruħu. Matul il-ġuri sejrin jiġu prodotti l-istess xhieda u l-istess provi prodotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u l-akkużat huwa liberu sabiex jagħmel il-kontro-eżami tax-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni u jikkontesta l-provi materjali. Fi kwalunkwe każ, il-provi materjali u rilevanti għar-rikorrent inġiebu matul il-kumpilazzjoni u għaldaqstant ma hemm ebda kwistjoni ta' disclosure ulterjuri x'tiġi mistħarrġa.*

22. *Illi ladabra ma hemmx leżjoni tad-drittijiet fundamentali, jsegwi għalhekk li t-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom minn din l-Onorabbli Qorti.*

23. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

## Provi

3. Rat illi fil-15 ta' Novembru 2022, fuq talba tar-rikorrenti, il-Qorti ordnat l-allegazzjoni b'mod elettroniku tal-atti kollha tal-proċeduri Att ta' Akkuża 35/2013 fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Charles Seychell**, liema proċeduri jinsabu Sine Die jistennew l-eżitu tal-proċeduri odjerni.

4. Rat illi fit-23 ta' Diċembru 2022, kopja ta' tali atti ġew eżebiti permezz ta' nota mir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali.

5. Rat illi fl-14 ta' Marzu 2023, fl-assenza tar-rikorrent kif ukoll il-konsulent legali tiegħu, il-Qorti ddikjarat il-provi rikorrenti bħala magħluqin.

6. Rat illi fis-6 ta' Ġunju 2023, l-Avukat tal-Istat għarraf lill-Qorti li ladarba l-atti tal-proċeduri kriminali meritu tal-proċeduri odjerni ġew ippreżentati, huwa ma għandux aktar provi x'jippreżenta.

7. Rat illi fis-6 ta’ Ġunju 2023, il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet rikorrenti bil-miktub.

8. Rat illi fll-24 ta’ Ottubru 2023 ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet rikorrenti bil-miktub.

9. Rat illi fis-16 ta’ Jannar 2024, ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet intimati bil-miktub.

10. Rat illi fis-16 ta’ Jannar 2024, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Fatti

11. Jirriżulta illi, fil-wieżed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010), waqt tfittxija li saret mill-Pulizija ġo container bin-numru TR854, propjeta’ tal-kumpanija Fahrenheit, irriżulta illi ġewwa kumpressur ta’ air conditioner li kien qiegħed jinġarr kien hemm moħbi pakkett imdawwar b'tape ta' kulur iswed li rriżulta illi kien jikkontjeni sustanza illeċita allegatament droga eroina f'piż ta' kwazi disa' mitt gramma.

12. Jirriżulta illi ġie arrestat Charles Seychell flimkien ma' persuna oħra li seta’ kien involut fil-pjan sabiex din is- sustanza tkun importata f'Malta;

13. Jirriżulta illi Charles Seychell ġie mitkellem mill-pulizija u qabel it-teħid tal-istqarrija, ġie infurmat li huwa kellu d-dritt jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu u, kif tniżżel fl-Istqarrija tiegħu, huwa ngħata s-segwenti twissija: "*M'intix obligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista’ jinġieb bi prova.*"

14. Jirriżulta, madanakollu, illi Charles Seychell irrifjuta l-jedd għall-parir legali u għamel l-Istqarrija tiegħu, fejn spjega fid-dettal l-involviment tiegħu, inkluż dak ta’ x’kien wasslu biex jiġi involut f’dan il-każ, liema stqarrija ġiet minnu stess iffirmata u ġiet ikkonfermata bil-ġurament.

15. Jirriżulta illi jumejn wara, ossija fit-23 ta’ Ġunju 2010, Charles Seychell tressaq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) akkużat inter alia b'assoċjazzjoni sabiex ibiegħ jew jittraffika f’dawn il-gżejjer mediċina (eroina) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta fejn wieġeb li mhux ħati tal-akkużi dedotti fl-konfront tiegħu;

16. Jirriżulta illi wara tali seduta, inbdiet il-kumpilazzjoni u, wara l-għeluq tal-kumpilazzjoni, l-Avukat Ġenerali ppreżenta l-att tal-akkuża bin-numru 35/2013 nhar it-<u>23 ta' Diċembru 2013</u>;

17. Jirriżulta illi fl-14 ta' Jannar 2014, quddiem il-Qorti Kriminali, Charles Seychell ippreżenta n-nota ta' eċċezzjonijiet fejn talab illi jitneħħew l-istqarrijiet kollha rilaxxati mill-esponenti stante illi dawn ittieżdu fl-assenza tal-avukat tiegħu;

18. Jirriżulta wkoll illi fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2014 quddiem il-Qorti Kriminali, l-esponenti għamel talba għal referenza kostituzzjonali għal leżjoni ta' dritt fundamentali stante li ma kellux dritt għal assistenza legali waqt l-interrogazzjoni.

19. Jirriżulta illi b'digriet datat 23 ta' Lulju tas-sena 2014, din it-talba **<u>ġiet miċħuda</u>**.

20. Jirriżulta illi, ftit anqas minn sentejn wara, fit-22 ta' Marzu 2016, l-esponenti reġa' intavola rikors b'talba għal referenza Kostituzzjonali, liema talba ġiet, madanakollu, **minnu rtirata** fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2017;

21. Jirriżulta illi, fil-15 ta' Diċembru 2020, il-Qorti Kriminali ċaħdet 1-eċċezzjoni preliminari sollevata minn Charles Seychell.

22. Jirriżulta illi Charles Seychell appella minn tali deċiżjoni, u permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fit-22 ta' Settembru 2021, l-appell tiegħu ġie miċħud.

23. Jirriżulta illi, fit-28 ta' Settembru 2022, il-każ kontra r-rikorrenti ġie appuntat għas-smigħ għall-14 ta' Novembru 2022.

24. Jirriżulta illi sussegwentement Charles Seychell intavola il-proċeduri odjerni fis-**6 ta' Ottubru 2022**, jiem qabel il-proċeduri kriminali kellhom jinbdew.

**Ilmenti ta' Charles Seychell**

25. Jirriżulta illi, fi kliem il-konsulenti legali ta' Charles Seychell kif imniżżla fis-sottomissjonijiet tagħhom, l-patroċinat tagħhom qiegħed jilmenta mis-segwenti vjolazzjonijiet:

    •***Dritt tal-Assistenza Legali matul l-interrogazzjoni tiegħu***, *u dana peress illi l-proċeduri kriminali ġew msejsa prinċiparjament fuq l-istqarrija illi l-esponenti rrilaxxa datata 22 ta' Ġunju tas-sena 2010, liema stqarrija ngħatat mill-esponenti mingħajr ma ngħatalu d-dritt illi jkollu l-avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt tali stqarrija peress illi l-liġi f'dak iż-żmien ma kinetx tippermetti dan.*

    •***Ċertezza Legali***, *u dana peress illi jeżisti stat ta' inċertezza legali fuq il-materja tal-ammissibilita o meno ta' stqarrija li ġiet mogħtija fi żmien meta l-Liġi ma kinitx tipprovdi għad-dritt tal-avukat li jkun preżenti waqt stqarrija u dana tenut kont tal-ġurisprudenza varja tal-Qrati nostrani f'dan ir-rigward.*

    •***Rule of Disclosure***, *u dana peress illi fil-każ odjern kien hemm mankanza fil-Liġi Maltija tar-rule of disclosure fil-mument illi huwa ġie investigat u sussegwentement arrestat u dan wassal għal actual prejudice fil-każ tiegħu.*

**Difiżi tal-Avukat tal-Istat**

26. Jirriżulta, illi da parte tiegħu, l-Avukat tal-Istat, qajjem kemm eċċezzjonijiet preliminari, kif ukoll fil-meritu, fejn saħaq illi:

    - Preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija intempestiva stante illi l-proċess ġudizzjarju għadu ma ġiex konkluż.

    - Dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 6 (3)(c) tal-Konvenzjoni peress illi ma ngħatax l-assistenza legali meħtieġa, tali bażi ma tissussitix stante illi Charles Seychell

ma jistaqx jitqies bħala persuna vulnerabbli w ingħata t-twissijiet meħtieġa kif ukoll d-dritt li jikkonsulta ma' avukat, liema dritt huwa għażel xjentement illi ma jużax, u dan qabel ma huwa liberament u mingħajr ebda theddida għamel l-istqarrija tiegħu.

- Dwar l-allegat diskriminazzjoni a tenur tal-Artikolu 39 u 45 tal-Kostituzzzjoni u l-Artikolu 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni, ibbażata fuq in-nuqqas ta' ċertezza legali, dana ma jirriżultax stante illi imkien ma r-rikorrent qiegħed iġarrab trattatament ta' diskriminazzjoni.

- Dwar in-nuqqas ta' disclosure, bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, dana ma jirriżultax stante illi l-provi tressqu waqt il-kumpilazzjoni u ser jerġgħu jitressqu fil-ġuri, fejn Charles Seychell ġia jkun intwera l-provi kollha li ser jinġiebu fil-konfront tiegħu w għandu kull dritt illi jistħarreg tali provi kif trid il-Liġi.

**Ikkunsidrat**

27. Il-Qorti tibda billi tosserva illi, fil-każ odjern, ir-rikorrent Charles Seychel ikkommetta l-allegat reat li tiegħu qiegħed jiġi akkużat fil-21 ta' Ġunju 2010, tressaq b'arrest fit-23 ta' Ġunju 2010 u fit-23 ta' Diċembru 2013 l-Avukat Ġenerali ippreżenta l-Att tal-akkuża 35/2013 fil-konfront tiegħu.

28. Jirriżulta illi, minn dakinhar illi ġiet ippreżentata l-Att tal-Akkuża fil-konfront tar-rikorrent fit-23 ta' Dicembru 2013, ir-rikorrent, tramite l-konsulenti legali tiegħu, ippreżenta sensiela infinita ta' atti differenti u azzjonijiet varji bil-għan illi l-proċess ġudizzjarju jittawwal u l-każ tiegħu ma jinstemax – tant hu hekk illi, illum il-ġurnata, **<u>ħdax-il sena u nofs</u>** wara li tressaq u ftit anqas minn erbgħatax-il sena wara li kkommetta l-allegat reat, il-każ kontra r-rikorrenti huwa sospiż Sine Die, riżultat tal-azzjoni tar-rikorrent.

29. **Il-Qorti tqis illi kellha tagħmel ċerta osservazzjonijiet peress illi jidher li saret prassi ġdida, adoperata minn ċerta settur tal-Avukatura, li jagħmlu l-għalmu tagħhom sabiex ixekklu l-andament tal-proċeduri tal-Ġustizzja w jagħmlu minn kollox sabiex itawwlu proċeduri kriminali b'kull mezz u mekkaniżmu illi jidhrilhom li jistgħu jivvintaw, sabiex jibbenefika l-interessi tal-akkużat u imbagħad, saħansitra, <u>wara</u> li l-proċeduri jkunu ġew deċiżi, l-istess settur tal-Avukatura jipproċedu biex tagħmlu kawżi oħra fejn, din id-darba, jilmentaw dwar dewmien tal-proċeduri, liema dewmien ikun ġie kkawżat prinċipalment riżultat tal-azzjonijiet ta' l-istess Avukatura – <u>tali prassi ma tistax ħlief tiġi kundannata minn dina l-Qorti u meqjusa unikament bħala disservizz lejn il-Ġustizzja w is-Saltna tad-Dritt, illi huma tant iħambqu dwarha, u illi bl-azzjoni tagħhom qegħdin iżommu individwi, fil-każ odjern ir-rikorrent Charles Seychell, fil-limbu għal snin jekk mhux deċenni, taħt il-pretest illi d-drittijiet tiegħu mhux qegħdin jiġu lilu protetti!</u>**

30. **Ċertament, li kawża ddum għaddejja għal erbgħatax-il-sena, riżultat ta' sensiela ta' atti ta' dilungar, ma jistgħu qatt jiġu kkunsidrati bħala attentat sabiex jipproteġi d-drittijiet tiegħu iżda unikament abbuż lampanti tas-sistema ġudizzjarja u tad-drittijiet lilu mogħtija sabiex jipprova jaħrab billi jiġi**

**pproċessat bl-akkużi kontrih u jiġi deċiż il-każ kontra tiegħu, u dana jew favur jew kontra tiegħu!**

31. Ikkunsidrat dana kollu, il-Qorit jidhirlha illi jkun opportun illi tqis l-eċċezzjoni tal-intempestivita' tal-azzjoni odjerna, u dana anke fl-ambitu ta' deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali deċiża **__fit-12 ta' Lulju 2023__**, fl-ismijiet '**Romario Barbara vs l-Avukat Ġenerali**', fejn tali difiża, magħmula abbażi ta' talbiet simili ħafna għal dawk fil-każ odjern, ġiet kkunsidrata mill-Qorti Kostituzzjonali.

32. Jirriżulta wkoll illi l-istess Qorti qieset ukoll il-kwistjoni kardinali tal-każ odjern, ossija d-dritt tal-Assistenza Legali matul l-interrogazzjoni.

33. Ikun għalhekk opportun illi din il-Qorti tirriproduċi partijiet estensivi ta' tali raġunament, **__bit-tama illi l-messaġġ hemm mogħti jasal għand min għandu jasal, jekk jafu jaqrawha__**:

> *10. L-aggravju tal-Avukat tal-Istat huwa mibni fuq żewġ binarji: (i) li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li r-rinunzja għad-dritt li jikkonsulta ma' avukat mogħtija mill-attur qabel ma rrilaxxa l-istqarrija in kwistjoni ma kinitx "knowing and intelligent waiver" tad-dritt tiegħu u (ii) li l-fatt li l-liġi dak iż-żmien ma kinitx tippermetti li suspettat ikollu avukat preżenti miegħu waqt l-interrogazzjoni ma twassalx awtomatikament għal ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq għaliex il-każ jeħtieġ li jiġi eżaminat fit-totalità tiegħu u f'dan il-każ peress li ser ikun hemm ġuri l-Imħallef addit mill-ġuri ser ikun qiegħed jagħti lill-ġurati spjegazzjoni dwar il-valur probatorju tal-provi mressqa quddiemhom.*
>
> *11. Fir-rigward tal-kwistjoni tar-rinunzja għad-dritt ta' assistenza legali, il-Qorti tqis li kkonsidrat l-ilment imressaq mill-attur f'dawn il-proċeduri din hija kwistjoni ftit li xejn relevanti. L-attur irrinunzja għad-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju. Però l-ilment tiegħu huwa dwar il-fatt li ma setax ikun assistit minn avukat waqt li kien qiegħed jiġi interrogat, dritt dan li ma setax jirrinunzja għalih ladarba ma kien hemm l-ebda liġi li tpoġġih fis-seħħ.*
>
> *12. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-presenza ta' avukat matul l-interrogazzjoni, il-Qorti tagħraf li kemm fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti u kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, il-fatt waħdu li s-suspettat ma kellux il-possibbilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jfissirx awtomatikament li l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu illeda, jew x'aktarx ser jilledi, id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq.*
>
> *13. Fil-każ odjern m'hemmx dubju li l-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien relevanti ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-pulizija. Dak iż-żmien però l-liġi kienet tippermetti li s-suspettat jikkonsulta privatament ma' avukat, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal żmien ta' siegħa, qabel ma jiġi interrogat. Dan huwa fattur relevanti għall-finijiet tad-determinazzjoni dwar l-"overall fairness of the proceedings" peress li "although there is no doubt that the applicant's right was restricted, the extent of that restriction was relative."*

*Il-Qorti tosserva wkoll li l-attur kellu d-dritt li ma jirrispondix għad-domandi magħmula lilu, u kellu d-dritt ukoll li jimpunja l-validita' tal-istqarrija tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali qabel ma jiġi appuntat il-ġuri, oltre li jikkontesta l-valur probatorju tagħha waqt il-ġuri nnifsu.*

*14. Dawn il-vulnerabbilità o meno tal-attur, il-Qorti tqis li għalkemm kellu dsatax-il sena ma jistax jingħad li saret xi prova li l-attur kien persuna vulnerabbli jew kien fi stat li ma kienx f'pożizzjoni li jieħu deċiżjoni volontarja. Għalkemm jirriżulta li qabel ġie arrestat kellu xi jgħid ma' ħutu u qala' xi daqqa fuq imnieħru, ma jidhirx li dan l-episodju kellu xi effett negattiv fuq il-kapaċitajiet metali u fakoltattivi tiegħu. Għalkemm sar verbal meta deher l-ewwel darba quddiem il-Qorti Struttorja fl-24 ta' Settembru 2015 u sar dan il-verbal*

> *"Id-difiża f'dan l-istadju mhux qed tagħmel talba għal għoti tal-ħelsien mill-arrest għalkemm talbet lil Qorti sabiex minħabba raġunijiet ta' natura psikoaffettiva ta' l-imputat, jogħġobha tagħmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex waqt il-permanenza tiegħu fl-istess faċilita l-imputat jiġi riferit fit-taqsima forensi.*
>
> *L-Uffiċjal Prosekutur, filwaqt li jirrikonoxxi wkoll dak mistqarr mill-avukati difensuri jiddikjara li ma jopponix."*

*ma jissemma xejn aktar fl-atti sussegwenti.*

*15. Din il-Qorti reġgħet għarblet sew il-pożizzjoni tagħha fuq din it-tema ta' intempestivita tal-ilment kostituzzjonali. Tagħmel riferenza għaż-żewġ sentenzi tal-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem, **Martin Dimech v. Malta** tat-2 ta' April 2015 u **Tyrone Fenech et v. Malta** tal-5 ta' Jannar 2016, dwar ilmenti li jixxiebħu ħafna għal dawk tal-lum dwar it-teħid ta' stqarrija mingħajr konsultazzjoni minn qabel ma' avukat, għalkemm f'dan il-każ il-konsultazzjoni kienet waħda limitata.*

*16. F'dawk is-sentenzi l-ilment tas-smigħ xieraq tressaq meta l-proċeduri kriminali kienu għadhom pendenti. Billi l-proċeduri kriminali kienu għadhom mexjin, il-Qorti Ewropea saħqet li kien kmieni biex jiġi deċiż jekk kienx hemm smigħ xieraq jew le. Fi kliem il-Qorti Ewropea:*

> *"applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, **Kesik v. Turkey**, (dec.), no.18376/09, 24 August 2010 and **Simons v. Belgium** (dec.), no.71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see **Bouglame v. Belgium** (dec.), no.16147/08, 2 March 2010). The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant's possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand*

> *to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 I and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies".*

*17. Essenzjalment din id-difiża hija msejsa fuq il-premessa illi allegazzjoni ta' nuqqas smigħ xieraq teħtieġ li l-proċess li minnu jkun qed isir l-ilment jiġi eżaminat fit-totalità tiegħu u mhux jiġi maqsum u jsir enfasi fuq inċident wieħed partikolari.*

*18. Naturalment ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mitmum, għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi l-appellant ser jiġi żvantaġġjat. Huwa ċertament barra minn loku illi l-ilment de quo agitur jiġi diskuss f'dan l-istadju in vacuo. Il-Qorti Kriminali għadha trid tevalwa l-istqarrijiet li saru u jekk saru ikunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq minħabba l-mod kif ittieħdu tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jvarjaw minn każ għall-ieħor. Hemmx leżjoni tad-dritt għalhekk ser jiddependi mill-mod kif il-Qorti Kriminali tkun trattat l-istqarrijiet u l-piż mogħtija lilhom fl-assjem tal-provi kollha. Għal dak li jiswa jista' jkun il-każ li l-Qorti Kriminali fl-aħħar mill-aħħar ma ssibux ħati u għalhekk ħafna mill-preokupazzjonijiet tiegħu dwar l-istqarrijiet jisfaw fix-xejn. Dan biex ma jingħadx ukoll li anke wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali hemm il-possibbilità li jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, li għandha s-setgħa li ddawwar l-affarijiet. Jiġi b'hekk, li l-ilment jekk seħħx virtwalment xi ksur ta' drittijiet fundamentali f'dan l-istadju huwa għal kollox prematur.*

*19. Huwa rilevanti dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ ta'* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello*** *deċiż fis-27 ta' Jannar 2021 dwar kif għandha timxi l-Qorti Kriminali meta qalet hekk:*

> *"23. Għaldaqstant magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment b'dan illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu il-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju ta' l-istqarrija rilaxxati mill-akkużat jekk jirriżulta illi dawn ma ttieħdux skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-deċiżjoni Beuze hawn fuq iċċitata. Fuq kollox, għall-appellat dejjem jibqa' id-dritt tiegħu li jitlob reviżjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu"*

*20. L-appellant ma jistax jagħmilha bħala fatta li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigħ xieraq minħabba l-mod ta' kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom mexjin, allura huwa jgawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza. Tassew il-prosekuzzjoni għad trid tipprova l-akkużi tagħha kontra tiegħu u l-istess akkużat għad għandu kull opportunità li jiddefendi lilu nnifsu.*

*21. Għalhekk il-fatt waħdu li saru stqarrijiet ma ssostnix l-ilment ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq għaliex din waħidha mhijiex determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa għal kollox intempestiv u prematur.*

*22. Il-Qorti tirreferi hawnhekk l-aktar sentenzi riċenti fuq is-suġġett, viz.* ***Beuze v. Il-Belġju*** *deċiża mill-Grand Chamber fid-9 ta' Novembru 2018 u s-sentenza* ***Carmel Joseph Farrugia v. Malta*** *deċiża mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju 2019.*

*23. Dawn iż-żewġ sentenzi ħolqu numru ta' kriterji mhux tassattivi li wieħed għandu jqis biex jara jekk in-nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju tat-teħid tal-istqarrija jwassalx għall-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq. Dawn il-kriterji jistgħu jiġu determinati biss wara li jintemm il-proċess kriminali.*

*24. Hija għalhekk il-fehma meqjusa ta' din il-Qorti meta jittieħed kont ta' kif il-Qorti Ewropea issa qed tindirizza l-kwistjoni mhuwiex floku li l-Qrati Kostituzzjonali joqogħdu jindaħlu f'temi li jmissu mas-siwi tal-evidenza. Bħalma sewwa qalet il-Qorti Ewropea fil-każ* ***Carmel Camilleri v. Malta*** *deċiż fis-16 ta' Marzu 2000 li kienet dwar is-siwi ta' stqarrija mogħtija minn terzi:*

> *"The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair (see the Doorson v. the Netherlands judgment of 26 March 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-11, p. 470, S 67; the Edwards v. the United Kingdom judgment of 16 December 1992, Series A no. 247-B, pp. 34-35, 34). Furthermore, the Court cannot hold in the abstract that evidence given by a witness in open court and on oath should always be relied on in preference to other statements made by the same witness in the course of criminal proceedings, not even when the two are in conflict (see the above-mentioned Doorson judgment, p. 472, §78)"*

*25. L-għaqal li din il-Qorti tieħu din id-deċiżjoni dwar l-ilqugħ tal-eċċezzjoni tal-intempestività, jinsab imsaħħaħ ukoll minn dak li ġara fl-aħħar sentenza* ***Roderick Castillo v. Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 2020. F'din is-sentenza ġara li waqt li kienu mexjin il-proċeduri kostituzzjonali, ġew mitmuma l-proċeduri kriminali u Roderick Castillo ġie meħlus mill-akkużi miġjuba kontrih. Minħabba din il-ġrajja, il-Qorti Kostituzzjonali qalet li:*

> *"Bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-appellat ingħata rimedju definittiv u effettiv. B'hekk minkejja dak li ġara fl-istadju meta l-appellat tal-istqarrija, xorta 'on the whole' kellu smigħ xieraq b'dak li ġara fl-istadju tal-appell"*

*26. Għaldaqstant l-appell tal-Avukat tal-Istat qiegħed jiġi milqugħ.*

## Ikkunsidrat

34. Il-Qorti tqis illi tista' faċilment tistrieħ fuq dak ġia osservat mill-Qorti Kostituzzjonali, kif fuq indikat, u tgħaddi biex tiċħad it-talba tar-rikorrenti eżattament fuq l-istess raġunamenti fuq riprodotti.

35. Madanakollu, din il-Qorti tqis illi għandha wkoll tagħmel osservazzjonijiet oħra.

36. Jidher ċar illi l-ilment prinċipali tar-rikorrenti huwa bbażat fuq l-ammissibbilta' o meno tal-Istqarrija illi huwa għamel, meta kellu wieħed u tletin (31) sena, jiġifieri ċertament persuna kapaċi illi jifhem u jiddeċiedi liberament, u wara illi ngħata l-opportunita li jikkonsulta ma' Avukat, liema dritt huwa rrinunzja għaliha, liema Stqarrija huwa għamel liberament mingħajr ebda tip ta' theddid u biża'.

37. Jidher ċar illi l-ġurisprudenza illum il-ġurnata hija ċara u netta, kif fuq ġia indikat, u kif ġia indikat mill-Qorti Kriminali u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kirminali, u għalhekk ma teżisti ebda inċertezza legali a differenza ta' dak illi ħolmu l-konsulenti legali tar-rikorrenti bit-tama illi b'xi mod irebbħu aktar ħin lill-klijent tagħhom.

38. Jirriżulta wkoll illi, ben konxji tal-fatt illi l-posizzjoni legali dwar l-Istatements u l-ammissibbilita' tagħhom hija, illum il-ġurnata, ċara, id-difiża tar-rikorrenti skoġitaw bażi ta' ksur ta' dritt ieħor, ossija dak ta' *non-disclosure*, regola illi tipprovdi sabiex l-akkużat ikun f'posizzjoni illi jipprepara d-difiża tiegħu kif jistħoqq sabiex ikun jista' jingħata smiegħ xieraq!

39. Il-Qorti hawnhekk tosserva li taqbel bi sħiħ mal-argument imressaq mill-Avukat tal-Istat, fejn huwa saħaq li r-rikorrent kellu jispeċifika liema kienu d-dokumenti illi huwa jikkontendi li ma kellux aċċess lilu u li, riżultat ta' tali fatt, kellu d-dritt ta' smigħ xieraq lilu miċħud – li wieħed jallega li ġew mistura provi minnu mingħajr ma jindika biċ-ċar liema fatti ġew lilu mistura hija indikazzjoni ċara illi tali difiża hija biss hekk imsejjħa "fishing expedition" intiża sabiex jiggranfa ma' kawża li hija bla bażi.

40. Il-Qorti tosserva wkoll illi lir-rikorrent, a differenza ta' dak illi qiegħed jallega, il-provi kollha li l-prosekuzzjoni għandha fil-konfront tiegħu ġia ġew kollha kemm huma lilu murija, u dana tul il-kumpilazzjoni tal-atti kontra tiegħu, liema kumpilazzjoni hija propjament intiża sabiex il-prosekuzzjoni tressaq il-provi kollha illi għandha fil-konfront tal-akkużat sabiex l-akkużat, hekk kif jiġi biex jiffaċċja l-ġuri, jkun f'posizzjoni illi jkun jaf kull wieħed u waħda mill-provi ser tressaq il-prosekuzzjoni u jkun, saħansitra, f'posizzjoni illi jipprepara ruħu bi sħiħ sabiex, fil-mument illi jseħħ il-ġuri, jkun jaf ben tajjeb x'argumenti u/jew domandi jrid iressaq sabiex jikkontrasta l-provi miġjuba kontra tiegħu.

41. Għalhekk, ċertament f'dana l-istadju ta' proċeduri, meta l-Att ta' Akkuża ġia inħarġet w id-data tas-smigħ ġiet rimandata varji drabi riżultat ta' azzjonijiet ta' dilungar tar-rikorrent, hija verament inverosimili illi r-rikorrenti jista' jikkontendi li għandu d-dritt ta' smigħ xieraq tiegħu miksura għax ma jafx x'inhuma l-provi li ser jinġiebu kontra tiegħu – altru milli jaf x'inhuma l-provi! Rahom kollha u kellu l-opportunita' jismagħhom u jeżaminhom ferm qabel il-mument meta tali provi ser jintużaw kontra tiegħu milll-prosekuzzjoni biex jippruvaw il-każ tagħhom kontra tiegħu.

42. Għalhekk, hija ċertament riżultat tal-imaġinazzjoni fertili tiegħu kif ukoll tal-konsulenti legali tiegħu illi jiġi quddiem il-Qorti Kosituzzjonali u jgħid illi ġie leż id-dritt tiegħu tas-smigħ xieraq għax ma jafx x'inhuma l-provi kontra tiegħu.

43. Tali osservazzjonijiet kollha qed isiru, peress illi l-Qorti hija ben konvinta illi l-proċess odjern sar unikament sabiex itawwal il-proċeduri kontra tiegħu u ma għandhom assolutament ebda bażi legali u fattwali, tant illi din il-Qorti ma għandha assolutament ebda diffikulta illi tiddikjarahom bħala frivoli u vessatorji, kemm a tenur tal-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll a tenur tal-Artikolu 4 (5) tal-Kap 319.

44. Il-Qorti hija konvinta li r-rikorrent ħaqqu proċess ġudizzjarju retta w ġusta, fejn jingħata l-protezzjonijiet kollha meħtieġa mill-Liġi filwaqt illi jiġi proċessat wkoll kif trid il-Liġi, u hija konvinta li jekk ma tiddikjarx l-proċeduri odjerni bħala frivoli u vessatorji, l-istess rikorrent, bl-assistenza tal-konsulenti legali tiegħu, ċertament jiskoġita xi tip ta' appell w proċess ieħor bil-għan illi jxekkel ulterjorment illi verament ikun hemm is-Saltna tad-Dritt, liema Saltna tippreżumi mhux billi illi jkun dritt li persuna tiġi protetta bil-Liġi, iżda wkoll illi jkun hemm obbligu ta' l-istess persuna li jirrispetta l-proċess ġudizzjarju w ma jippruvax jistultifika w jxekkel tali proċess b'talbiet u pretenzjonijiet frivoli u vessatorji, kif qiegħed jagħmel ir-rikorrent bil-kawża odjerna.

45. Għalhekk, din il-Qorti mhux biss ser tiddikjara illi t-talbiet rikorrenti ma jissussistux, iżda ser tiddikjara tali talbiet bħala sempliċement frivoli a tenur tal-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll a tenur tal-Artikolu 4 (5) tal-Kap 319.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha u wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tar-rikorrenti, u tal-Avukat tal-Istat tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-Avukat tal-Istat, u għalhekk, filwaqt li:

Tiddikjara t-talbiet kollha tar-rikorrent bħala sempliċiment frivoli għall-għanjiet tal-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u L-Artikolu 4 (5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Tiċħad** it-talbiet kollha rikorrenti.

**Spejjeż** tal-proċeduri kollha jkunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur